**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 27 ta` Marzu, 2018**

**Talba Nru: 360/2017PA**

**Pool Investments Limited**

**vs**

**Enemalta plc**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fid-9 ta` Awissu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li fis-6 ta` Awissu 2016, hija sofriet ħsarat fil-fond proprjeta` tagħha Il-Ħofra, Triq Santa Katerina, Xwieki, limiti tal-Għargħur, kawża ta` ħsarat u/jew qtugħ fis-sistema tal-elettriku tas-soċjeta` konvenuta; li tali danni sofferti mis-soċjeta` attriċi jammontaw għal tlett elef, seba' mija u erbgħa u erbgħin Ewro, sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,744.77ċ), kif ser jirriżulta fil-kawża; li s-soċjeta` konvenuta hija responsabbli għal tali ħsarat, iżda minkejja li kienet interpellata biex tħallas, inkluż permezz ta` ittra uffiċjali tal-14 ta` Frar 2017 (565/2017), hija baqgħet inadempjenti. Għaldaqstant, is-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jiddikjara lis-soċjeta` konvenuta responsabbli għad-danni sofferti minnha, fis-somma msemmija ta` tlett elef, seba' mija u erbgħa u erbgħin Ewro, sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,744.77ċ), u konsegwentement

jikkundannaha tħallas din is-somma lis-soċjeta` attriċi, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 565/2017, u bl-imgħaxijiet.

Ra r-Risposta tas-soċjeta` konvenuta li permezz tagħha eċċepiet li d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha, stante illi għad-danni in kwistjoni s-soċjeta` konvenuta ma kellha ebda ħtija.

Sema' lix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Ra d-dokumenti preżentati.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija azzjoni għad-danni, bażata fuq responsabbilta` ċivili, li s-soċjeta` attriċi qed tindirizza kontra l-fornitur uniku tal-provvista tad-dawl f'Malta, Enemalta plc. Is-soċjeta` attriċi tippretendi li sofriet danni b'konsegwenza ta` nuqqasijiet tas-soċjeta` konvenuta fit-tħaddim tal-infrastruttura tagħha li biha tipprovdi s-servizz tad-dawl fil-lok fejn hija għandha l-proprjeta` 'Il-Ħofra', Triq Santa Katerina, fil-kuntrada tax-Xwieki, limiti tal-Għargħur. Is-soċjeta` konvenuta tiċħad li hija naqset b'xi mod fil-konfront tas-soċjeta` attriċi, jew li għandha tagħmel tajjeb għal xi danni fil-konfront tagħha.

Is-soċjeta` attriċi produċiet b'xhud tagħha lil **Andrew Azzopardi**[1], li qal li jagħmel xogħol ta` *general maintenance* għas-soċjeta` attriċi, inkluż fil-proprjeta` in kwistjoni.

Huwa spjega li, nhar is-Sibt 6 ta` Awissu 2016 filgħodu, mar bħas-soltu f'din il-proprjeta`, u bħas-soltu uża r-*remote control* biex fetaħ ix-xatba ta` barra u daħal ġewwa. Huwa spjega li din hija proprjeta` kbira, u tinkludi villa fuq medda ta` sebat itmiem. Qal

[1] Ara xiehda, 29.11.2017, fol. 12 sa 13

li dakinhar wettaq ix-xogħol tiegħu bħas-soltu. Wara nofsinhar, waqt li kien fil-parti ta` fuq, fuq barra, sema' ħoss u ra daħna bajda fil-lok fejn hemm il-cables tad-dawl li jidħru fir-ritratt eżibit minnu u markat 'Dok. AA1'[2]. Qal li dawn il-*cables* jinsabu barra mill-proprjeta` tas-soċjeta` attriċi. Qal li kompla bix-xogħol, pero` x'ħin ġie biex joħroġ mill-villa, ix-xatba ma ħadmitx. Lanqas ma ħadmu l-bieb tal-ġaraxx u s-sistema taċ-CCTV, li t-tnejn jaħdmu bid-dawl. Ix-xhud qal li kien qabbad lil Masco biex isewwu, għaliex irriżultat ħsara wkoll fis-sistema tal-*alarm dialler* u fil-PABX.

Ix-xhud qal li s-soċjeta` attriċi għandha fil-post *generator* li jaħdem waħdu hekk kif tinqata` l-provvista tad-dawl. Qal ukoll li ilu jaħdem f'dan il-fond mis-sena 2002, meta l-fond kien proprjeta` ta` ħaddieħor. Huwa ppreżenta wkoll ritratti li juru makkinarju ieħor li għandha s-soċjeta` attriċi fil-post, ossia *surge protector* u *surge arrester*.

Azzopardi qal li, ġranet wara l-inċident, kien ra vettura tal-Enemalta fuq il-post, u ħaddiema tas-soċjeta` konvenuta jaħdmu fil-lok fejn kien ra d-daħna.

Ix-xhud ippreżenta wkoll ċertifikat ta` kwalifika tiegħu fl-istallazzjoni tad-dawl.[3]

Is-soċjeta` attriċi ressqet ukoll b'xhud tagħha lil **Alfred Pace**[4], direttur u azzjonist tagħha.

Pace iddikjara li din il-proprjeta` ilha tappartjeni lis-soċjeta` attriċi xi erba' snin. Qal li solitament, is-Sibt filgħodu, iżur dan il-lok u jitkellem mal-ħaddiem Andrew Azzopardi. Fil-jum tas-Sibt 6 ta` Awissu 2016, għamel hekk u x'ħin daħal innota li kien hemm il-*generator* jaħdem. Qal li staqsa lil Azzopardi x'kien ġara, u dan wieġbu li probabbilment kien inqata` d-dawl u beda jaħdem b'mod awtomatiku l-*generator*.

---

[2] Fol. 14
[3] Dok. AA7, fol. 21
[4] Ara xiehda, 29.11.2017, fol. 22 sa 24

Ix-xhud qal li, dak iż-żmien, kienu qed jabitaw f'dan il-fond bintu u żewġha, ma' uliedhom. Wara li telaq minn fuq il-post, fis-6 ta` Awissu 2016, kien ċempillu Azzopardi u qallu li sab diversi apparat ma jaħdimx. Qal li ħu kellu kopertura sħiħa ma' kumpanija tal-assikurazzjoni, u ħaseb biex it-Tnejn ta` wara jkun jiftah *claim*. Pero` l-kumpanija assikuratriċi rrifjutat it-talba għall-ħlas, minħabba li l-ħsara ma kinetx koperta bil-polza, u x-xhud ġie dirett jindirizza t-talba għall-ħlas lil Enemalta plc.

Ix-xhud spjega li l-uffiċjali tas-soċjeta` konvenuta kellmuħ, u talbuħ jimla formola dwar it-talba tal-ħlas, Sussegwentement, talbu mingħandu stima tal-ħsarat. Irċieva risposta mingħandhom fis-6 ta` Ottubru 2016 li tgħid li *'the incident indicated in your request was the reasonable requirements of the electrical system'*.[5] Wara dan, is-soċjeta` attriċi interpellathom uffiċjalment biex iħallsu, pero` s-soċjeta` konvenuta kkontestat din it-talba. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejnu u r-rappreżentanti tas-soċjeta` konvenuta, u wkoll kopja ta` riċevuta fiskali maħruġa minn Masco Security Services Ltd fid-19 ta` Jannar 2017 għal tibdil tal-*'PABX System, Up & Over Motor Dialler & CCTV equipment'*.[6]

In kontroeżami, Alfred Pace qal li dakinhar tal-okkorrenza, is-soċjeta` attriċi ma talbitx lis-soċjeta` konvenuta biex tinvestiga x'kien ġara, għaliex kellha sistema awtomatika li taqleb fuq *generator* meta jinqata` d-dawl, u għaliex lanqas biss kienet taf li ġarrbet ħsarat.

In rieżami, Pace qal li l-ħlasijiet għat-tiswija ħallashom kollha fl-interess tas-soċjeta` attriċi, u li t-tiswijiet kellhom isiru mingħajr dewmien minħabba li kienu tali li ma setgħux jistennew.

Is-soċjeta` konvenuta ressqet b'xhud tagħha liċ-Chairman tagħha, l-**Inġinier Frederick Azzopardi**[7]. Huwa ddikjara li huwa inġinier, u bħalissa jokkupa l-kariga ta` Chairman tal-kumpanija konvenuta. Qal li fis-6 ta` Awissu 2016, il-kumpanija konvenuta

[5] Dok. AP2, fol. 33
[6] Dok. AP3, fol. 34, ara wkoll fatturi u *job sheets* eżibiti, fol. 35 sa 43
[7] Ara xiehda, 10.1.2018, fol. 48 sa 50

ma ġietx imsejħa biex tagħmel tiswijiet fi Triq Santa Katerina, Xwieki, limiti tal-Għargħur, pero` kellha xogħol ta` manutenzjoni ppjanat, li biex eżegwietu, tfiet il-provvista tal-elettriku bejn 7:59am u 2:32pm. Din il-manutenzjoni qal li kienet fuq il-kinja tal-kumpanija konvenuta, u saret wara li l-kumpanija konvenuta tat avviż lill-pubbliku fuq is-sit elettroniku tagħha. Jista` jkun li ngħata avviż ukoll fil-gazzetta *The Times*, u fuq il-mezzi tax-xandir.

Ix-xhud iddikjara li l-kumpanija konvenuta ma rċeviet ebda lment mingħand individwi li garrbu ħsara minħabba li ntfiet il-provvista tad-dawl. Normalment, meta jiġri dan, il-kumpanija konvenuta tirċievi talbiet mingħand konsumaturi diversi, għaliex il-ħsara taffettwa lill-konsumaturi kollha li jkunu fuq l-istess linja.

Ix-xhud kompla jgħid ukoll li, minn verifika li għamel fuq id-*data track system* tal-vetturi tas-soċjeta` konvenuta, ma rriżultalux li kien hemm xi vettura minn tagħhom wieqfa fil-lok indikat mis-soċjeta` attriċi fil-ħmistax-il jum ta` wara s-6 ta` Awissu 2016.

Fuq iċ-ċertifikat eżibit mix-xhud Andrew Azzopardi, l-Inġinier Frederick Azzopardi qal li dan waħdu ma jagħtix awtorita` lil persuna biex tagħmel xogħol fuq is-sistema tad-dawl, għaliex dan ix-xogħol jinħtieġ liċenzja li tingħata mir-Regolatur. Ix-xhud Andrew Azzopardi ma rriżultalux li għandu din il-liċenzja.

In kontroeżami, l-**Inġinier Frederick Azzopardi** ddikjara li daħna u ħoss mal-*cables* ma jikkonfiġurawx mal-manutenzjoni li saret fiż-żmien in kwistjoni mis-soċjeta` konvenuta f'dan il-lok. Qal ukoll li, jekk jinqata` *cable*, ikun hemm ħsarat għand il-konsumaturi kollha li jasal is-servizz għandhom minn dak il-*cable*. Huwa tenna li, f'dik l-okkażjoni, is-soċjeta` konvenuta ma rċeviet assolutament ebda lment dwar ħsarat.

Huwa ddikjara wkoll li l-*cables* huma proprjeta` tal-kumpanija konvenuta, u allura l-ħaddiema tagħha biss jaħdmu fuqhom. Fuq domanda tat-Tribunal, ix-xhud qal li fil-jum in kwistjoni huwa ma kienx fuq il-post, u li l-informazzjoni li ta fix-xiehda tiegħu ġabha mis-sistema tal-kumpanija konvenuta, u mingħand l-uffiċjali tagħha. Fuq domanda

oħra tat-Tribunal, ix-xhud qal li d-difiża li taw fir-risposta lill-kumpanija attriċi hija ċitazzjoni mil-liġi.

Ikkunsidra wkoll li:

Din hija kawża li s-soċjeta` attriċi qed tagħmel kontra s-soċjeta` konvenuta minħabba li tqis li, bi ħtijiet ta` din tal-aħħar, ġarrbet ħsarat f'apparat tekniku li għandha fi ħwejjigha. Skond is-soċjeta` attriċi, il-ħtijiet tas-soċjeta` konvenuta jikkonsistu filli meta temmet is-sospensjoni tas-servizz tal-elettriku, il-provvista ġiet lura b'qawwa eċċessiva u kkaġunat il-ħsarat li tilmenta minnhom is-soċjeta` attriċi.

Is-soċjeta` attriċi ressqet lill-impjegat tagħha li kien preżenti meta ġara dan kollu, u li jgħid li, wara l-okkorrenza, kien ra vettura u ħaddiema tas-soċjeta` konvenuta jwettqu xogħlijiet fuq *cable* tad-dawl minn tagħha minn fejn kien ra li ġiet il-ħsara.

Minnaħa tagħha, is-soċjeta` konvenuta ċaħdet għal kollox din ir-responsabbilta`. Filwaqt li taċċetta li, fil-jum in kwistjoni, wettqet xogħol ta` manutenzjoni fuq l-infrastruttura tagħha, li biha twassal l-elettriku fid-djar tal-konsumaturi fl-akwati, hija tinsisti li dak ix-xogħol kien organizzat u skedat minn qabel, u li dwaru kienet tat pre-avviż lill-konsumaturi klijenti tagħha fuq il-mezzi tax-xandir. Tgħid ukoll li ma rċeviet ebda lment, mingħand ebda wieħed mill-konsumaturi sidien ta` proprjetajiet fl-akwati, dwar xi ħsarat b'riżultat tas-sospensjoni, u l-għoti lura, tal-provvista tad-dawl elettriku fil-jum tas-6 ta` Awissu 2016. Tiċħad ukoll li, fil-ġranet ta` wara, kien hemm xi ħaddiema jew kuntratturi minn tagħha jagħmlu xi tiswijiet fuq xi *cables* fl-akwati tal-proprjeta` tas-soċjeta` attriċi. Meta inizjalment intalbet tagħmel tajjeb għal din il-ħsara, is-soċjeta` konvenuta tat favur tagħha d-difiża legali li l-ħsara kienet kaġunata minn *'ħtiġijiet raġonevoli tas-sistema tal-elettriku'* fit-termini tal-**art. 8** tal-<u>Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbliġi tal-Enemalta</u>[8]. Sussegwentement, f'din il-kawża, is-soċjeta` konvenuta qalet li din ir-risposta kienet solitament tingħata mill-uffiċjali li jagħtu tweġiba dwar ilmenti minn konsumaturi, u li

[8] Kap. 536 tal-Liġijiet ta' Malta

hija nvestigat il-każ u kkonkludiet li ma kellha ebda ħtijiet għall-akkadut, u għat-telf li setgħet ġarrbet is-soċjeta` attriċi f'din l-okkorrenza.

Rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet tal-fatti għal kollox differenti, u aktarx kontra xulxin, bħal f'dan il-każ, it-Tribunal irid iqis il-kwadru kollu u jiddeċiedi x'seta` ġara verament, aktar iva milli le, u għalhekk fuq bażi ta` bilanċ ta` probabiltajiet. Filwaqt li l-liġi ċivili ta` proċedura ma tgħid xejn fuq dan il-punt, il-qrati tagħna għamlu tajjeb għal dan b'diversi pronunżjamenti ċari u direttivi. Riċentement, fis-sentenza **Anthony Pace vs Frances Camilleri et**[9], il-Qorti tal-Appell fakkritna li '*l-konflitt fil-provi hija ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanża, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, u tal-preponderanża tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant [PA Farruġia vs Farruġia deċiża 24 ta` Novembru, 1966]… Fil-kamp ċivili għal dak li ħu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma ħuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanżi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta` azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanża tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanża tal-probabilitajiet…'*.

F'dan il-każ, it-Tribunal iqis li għandu japplika d-dottrina tar-*res ipsa loquitur* minħabba fid-diffikulta` li jifhem li jkollu parti, fis-sitwazzjoni tas-soċjeta` attriċi, li jipprova n-ness kawżali. Dwar din id-dottrina, li l-Qorti tal-Appell applikat riċentement fis-sentenza **Grace Farrugia et vs Sun Aviation Limited et**[10], ġie spjegat fis-sentenza **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**[11] li *'fil-kors tal-kawża dan il-piż jista joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima faċie li t-teżi tal-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 … '.* Fis-sentenza **Farrugia et vs Sun**

[9] 26.5.2017
[10] 26.1.2018
[11] 12.4.2007

**Aviation Limited**,[12] il-Qorti tal-Appell tfakkar li *'każ ta` res ipsa loquitur jitratta sitwazzjoni fejn l-oġġetti stess jagħtuk stampa ċara ta` x'ġara. Iżda għalkemm dak li jissejjah res ipsa loquitur jista` ma jkunx biżżejjed sabiex tiġi radikata ħtija fl-imputat fi proċeduri kriminali, hawnhekk qegħdin fil-kamp ċivili u ħu biżżejjed li l-Qorti tkun konvinta fuq bażi ta` probabilita` li l-konvenuti għandhom jiġu ritenuti responsabbli. Huwa ritenut paċifiku li 'l hekk imsejha duttrina tar-res ipsa loquitur, li ġiet importata mill-ġurisprudenza Ingliża, ma tagħmilx ħlief li tisposta l-oneru ta` prova u toħloq bħal speċi ta` preżunżjoni ta` prima facie li t-tort huwa ta` wieħed u mħux tal-ieħor. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***John Formosa noe vs Joseph Zammit*** *deċiża fit-30 ta` April 1993)'.*

Wara li qies il-provi kollha mressqa quddiemu, u partikolarment ix-xiehda tar-rappreżentanti tas-soċjeta` attriċi, u taċ-Chairman tas-soċjeta` konvenuta, it-Tribunal jinsab moralment konvint li, aktar iva milli le, il-ħsarat li tilmenta minnhom is-soċjeta` attriċi, u li dwarhom ressqet l-aħjar prova kemm dwar l-eżistenza, u anke fir-rigward tar-riparazzjonijiet tagħhom, kienu kaġunati minn varjazzjoni fis-saħħa tal-elettriku provdut mis-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta` attriċi, fil-fond tagħha fix-Xwieki, limiti tal-Għargħur, wara li l-provvista tal-elettriku kienet sospiża mis-soċjeta` konvenuta, operatriċi tas-sistema ta` distribuzzjoni, biex wettqet xogħlijiet ta` manutenzjoni. It-Tribunal mħux moralment konvint mid-dikjarazzjonijiet tax-xhud imressaq mis-soċjeta` konvenuta, li din ma wettqet ebda xogħlijiet riparatorji fuq is-sistema ta` distribuzzjoni f'dan il-lok fil-ġranet ta` wara l-akkadut. Dan ix-xhud ammetta li hu fl-ebda okkazzjoni ma kien preżenti fuq il-lok, u lanqas kien il-persuna jew persuni responsabbli mix-xogħlijiet fuq il-lok, jew mill-għoti lura tal-provvista tal-elettriku lill-konsumaturi fl-inħawi wara s-sospensjoni tas-servizz. Għalkemm it-Tribunal ma jiddubitax mill-verifiki li qal li għamel, u mir-riżultanżi rappurtati minnu, dwar dan, dan it-tagħrif ta` fatt ma xehdux milli jaf, għax kien preżenti, jew involut, huwa stess, imma minn sistemi mħaddma minn ħaddieħor, u nformazzjoni li seta` ġabar mingħand ħaddieħor. F'dan il-kuntest, it-Tribunal jidhirlu li l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-rappreżentanti tas-soċjeta` attriċi

[12] *supra*

għandha aktar mis-sewwa, kemm għaliex kienu t-tnejn preżenti fuq il-lok meta ġara li ġara, u anke għaliex ikkorroboraw għal kollox lil xulxin fil-verżjonijiet li taw.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta, jilqa' t-talbiet tas-soċjeta` attriċi u konsegwentement isib lis-soċjeta` konvenuta responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta` attriċi fl-inċident mertu ta` din il-kawża, u jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` tlett elef, seba' mija u erbgħa u erbgħin Ewro, sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,744.77ċ), bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 565/2017, u bl-imgħaxijiet mid-data tal-preżentanta tal-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**